# IL-VANGELU TA' SAN GWANN

(*Jorbot ma' l-aħħar ħarġa*)

Smajna 'l Kristu bosta drabi jwiegħed il-ħajja ta' dejjem lil dawk li jemmnu fih, u jwegħidhom li jagħtihielhom dak il-ħin stess li jemmnu, mhux żmien wara. "Min jisma kelmti u jemmen f'dak li bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem" (5, 24). *Għandu*, jiġifieri, nagħtih issa stess il-ħajja ta' dejjem. Xinhi dil-ħajja li l-bniedem jibda jgawdi minn did-dinja stess u jibqa' jgawdiha għal dejjem? Il-ħajja ta' dejjem fil-ġenna mhix, għax il-ġenna mhix fid-dinja, u fid-dinja ma nistgħux nibqgħu għal dejjem.

Ħajja ta' dejjem hi ħajja li ma tintemm qatt, ħajja li għandha bidu imma ma għandhiex tmiem. Din hi l-ħajja fil-ġenna, li tibda malli r-ruħ tidħol fil-ġenna u ma tintemm qatt. Imma l-bidu tal-ħajja ta' dejjem fil-ġenna nistgħu nqisuh f'din id-dinja stess. Għax xinhi l-ħajja tagħna f'did-dinja? Mhix triq jew mixja lejn id-dinja l-oħra? Jekk ngħixu tajjeb, inkunu nimxu fit-triq tal-ġenna; jekk ngħixu ħażin, inkunu nimxu lejn l-infern. Mela l-ħajja tagħna fid-dinja hi l-bidu veru tal-ħajja vera fil-ġenna jew tal-mewt ta' dejjem fl-infern. Għalhekk Kristu qal li min jemmen fih għandu l-ħajja ta' dejjem, mhux għax daħal diġà fil-ġenna, imma għax qiegħed fit-triq tal-ġenna, fejn jibqa' jgawdi għal dejjem. Fi kliem ieħor Kristu ried igħid li l-ewwel pass fit-triq tal-ġenna hi l-fidi fih innifsu u fil-kelma tiegħu. L-ewwel pass, imma mhux l-aħħar, u għalhekk il-bniedem, wara li jkun emmen, jeħtieġlu li jibqa' jimxi, jibqa' jaħdem biex jasal fi tmiem it-triq tal-ħajja fid-dinja u jidħol fil-ħajja ta' dejjem fil-ġenna.

Biex nifhmu aħjar xinhi l-ħajja li Kristu wiegħed lil dawk li jemmnu fih, naraw xinhi l-mewt li hu jhedded lil dawk li ma jemmnux. "Min iħares kelmti ma jara l-mewt qatt" qal Kristu lil-Lhud, u l-Lhud bdew igħajruħ u jgħidulu: Miġnun! Abraham u l-profeti mietu, u int tgħid li min iħares kelmtek ma jmut qatt? X'taħseb li int?" (8, 51-53). Imma jgħidu x'jgħidu l-Lhud, il-kliem ta' Kristu jibqa' dejjem veru, min jemmen ma jmutx. Għaliex? għax il-mewt, għal min jemmen, mhix ħaġa oħra ħlief mogħdija minn ħajja għal ħajja, bidla tal-ħajja fid-dinja mal-ħajja fil-ġenna. Il-mewt hi mogħdija li minnha għadda Kristu wkoll biex imur għand Missieru fis-sema (13, 1). Min jemmen għandu l-bidu tal-ħajja ta' dejjem, min ma jemminx ma għandu anqas il-bidu tal-ħajja, u min ma għandu anqas il-bidu tal-ħajja hu mejjet.

Il-ħajja mwiegħda minn Kristu hi don, hi grazzja mogħtija lill-bniedem bla ma tistħoqqlu. Il-ħajja hi effett ta' l-imħabba ta' Alla lejna, "għax Alla hekk ħabb id-dinja, li ta l-Iben tiegħu l-waħdani, biex kull min jemmen fih . . . ikollu l-ħajja ta' dejjem" (3, 16). Mhux biżżejjed li Alla jagħtina l-grazzja tal-fidi, imma jeħtieġ li aħna naħdmu biex inżommu dil-grazzja, insaħħuha, inkabbruha. U dan ma nistgħux nagħmluh mingħajr l-għajnuna ta' Ġesù li ta lilu nnifsu lilna bħala ikel fl-Ewkaristija.

Il-ħajja hi grazzja li Alla joffri lil bnedmin kollha, mhux lil-Lhud biss, jew lin-nies ta' pajjiż wieħed jew ta' żmien wieħed biss. Kulħadd hu msejjaħ għad-dawl tal-fidi. Sa mill-ewwel kelmiet tal-Evanġelju Kristu,

il-Verb divin, kellu fih il-ħajja, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin, jiġifieri tal-bnedmin kollha kemm huma. Kristu, jgħid S. Ġwann, kien il-ħaruf li jneħħi d-dnub tad-dinja (1, 29), tad-dinja kollha, tal-bnedmin kollha. Bil-mewt tiegħu Kristu kellu jiġbed 'il kulħadd lejh (12, 32).

Biex il-bniedem jaqla d-don tal-fidi jeħtieġ l-ewwelnett li jkollu rieda tajba, jiġifieri xewqa sinċiera li jirċievi d-dawl, li jersaq lejn Kristu biex ikollu l-ħajja minn għandu. Jeħtieġ li l-bniedem jinża r-rieda tiegħu u jilbes ir-rieda ta' Kristu, biex jimxi bla biża fit-triq ta' Kristu qalb it-tfixkil u t-tbatijiet. Jeħtieġ li l-bniedem irażżan il-kburija, jeqred il-frugħa minn qalbu, jinsa lilu nnifsu u jfittex biss is-sottomissjoni u l-umilta. Lil-Lhud Kristu ċanfarhom: "Kif tistgħu temmnu intom li tfittxu t-tifħir wieħed minn għand l-ieħor?"(5,44). Għalhekk jekk il-Lhud ma emmnux, il-ħtija kienet tagħhom; ma kellhomx rieda tajba; kienu jiġru wara Kristu biex jisimgħu t-tagħlim tiegħu, mhux biex jagħmluh, imma biex ikollhom fuqiex jugżawh, igħajjruh. Għalhekk Kristu qalilhom: "Intom ma tridux tiġu għandi, biex ikollkom il-ħajja" (5, 40). Intom ma tridux, mhux jien ma rridx; jien sejjaħtilkom imma intom ma weġibtux; qalbkom marbuta mad-dinja, mhux miegħi; intom tridu tagħmlu l-għamil ta' missierkom, ix-xitan, mhux l-għamil tiegħi.

It-tieni jaħtieġ li l-bniedem jisma l-kielma ta Kristu bil-ħlewwa, bil-ferħa. Jaħtieġ li jkollu għatx kbir ta' dan l-ilma tal-ħajja li hu biss jaqta' għal kollox ix-xewqat tar-ruħ. "Min jixrob mill-ilma li nagħtih jien, qal Kristu lis-Samaritana, ma jieħdu għatx qatt, imma l-ilma li nagħtih, isir fih għajn li tnixxi sal-ħajja ta' dejjem" (4, 13). U lil-Lhud qalilhom: "Min għandu l-għatx jiġi għandi u jixrob. Min jemmen fija, jiġru minn ħdanu xmajjar ta' ilma ħaj" (7, 37.38).

Wara li l-bniedem ikun sema' l-kelma ta' Alla, jeħtieġ li jemminha. Mingħajr fidi mhemmx ħajja. Dan qal Kristu bosta drabi. "Min jemmen fl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem; min ma jemminx bl-Iben, ma jarax l-ħajja, imma l-għadab ta' Alla jgħammar fuqu" (3, 36). "Min ma jemminx hu diġa' kkundannat" (3, 18). Din il-fidi, li Kristu jitlob minn għandna, mhix dak is-sens ta' fiduċja li wieħed iħoss fih innifsu tal-ħniena u tjubija ta' Alla, bħalma jgħidu l-Protestanti, imma rabta sħiħa tal-moħħ mal-kelma ta' Alla. Għalhekk jeħtieġ li mhux biss nisimgħu l-kelma ta' Alla, imma li ndaħħluha f'moħħna, ngħożżuha, inżommuha u ma nitilquha qatt. Il-Lhud semgħu t-tagħlim ta' Kristu, imma ma laqgħuhx, ma emmnuhx u hekk ma qalgħux il-ħajja. Kristu ċanfarhom: "Jien, għalkemm ngħidilkom is-sewwa, ma temmnux" (8, 45). Iżda mhux biżżejjed li wieħed jisma' l-kelma ta' Ġesù u jżommha f'qalbu, imma jeħtieġ ukoll li jagħmilha. Fidi mejta ma tista' qatt tagħtina l-ħajja. Hemm bżonn li nagħmlu skond ma nemmnu, u fost l-opri tal-fidi San Ġwann isemmi fuq kollox l-imħabba ta' wieħed lejn l-ieħor u l-ħarsien tal-kmandamenti ta' Alla (15, 19.12.17). Fidi mhix imsaħħna mill-imħabba hi fidi kiesħa, mejta li ma tiswa xejn biex tagħti l-ħajja.

P. P. SAYDON

(*Jorbot mal-ħarġa li ġejja*)